32006D0604

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Settembru 2006

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lejn l-infieq li sar fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-ġlieda kontra l-marda tal-*bluetongue* fl-Italja fl-2001 u fl-2002

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3933)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(2006/604/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

(1) It-tifqigħat tal-bluetongue (deni katarrali ta' l-annimali ovini) li saru fl-Italja fl-2001 u fl-2002. L-emerġenza ta' din il-marda ppreżentat riskju serju għall-popolazzjoni ta' bhejjem tal-Komunità.

(2) Sabiex issir prevenzjoni tat-tixrid tal-marda u sabiex ikun hemm għajnuna għall-eradikazzjoni malajr kemm jista' jkun, il-Komunità għandha tikkontribwixxi lejn l-infieq eliġibbli li sar mill-Istati Membri skond il-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fil-ġlieda kontra l-marda, kif inhu previst fid-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/677/KE ta' l-24 ta' Settembru 2003 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn l-eradikazzjoni tal-marda tal-bluetongue fl-Italja fl-2001 u fl-2002 [2] tat kontribuzzjoi finanzjarja mill-Komunità lill-Italja għall-infieq li sar fil-miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-marda tal-bluetongue li ġew implimentati fl-2001 u fl-2002.

(4) Skond dik id-Deċiżjoni, ġie awtorizzat l-ewwel pagament ta' EUR 4 000 000.

(5) Skond dik id-Deċiżjoni, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandha tkun ibbażata fuq l-applikazzjoni li tressqet mill-Italja fid-19 ta' Diċembru 2003, fuq id-dokumenti ta' appoġġ u fuq ir-riżultati tal-kontrolli fuq il-post li saru mill-Kummissjoni. L-ammont stipolat fl-applikazzjoni li tressqet mill-Italja kien ta' EUR 24 515 016 li minnhom il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja ma tistax tkun ogħla minn 50 % tat-total fin-nefqa eliġibbli.

(6) Fid-dawl ta' dawk il-konsiderazzjonijiet, l-ammont totali tal-kontibuzzjoni finanzjarja Komunitarja lejn in-nefqa eliġibbli li saret għall-eradikazzjoni tal-marda tal-bluetongue fl-Italja fl-2001 u fl-2002 għandu jiġi ffissat.

(7) Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet li saru mill-Kummissjoni f'konformità mar-regoli veterinarji Komunitarji u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-appoġġ finanzjarju Komunitarju ifissru l-ammont kollu li tressaq ma jistax jiġi rikonoxxut bħala wieħed eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja.

(8) L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-konklużjonijet finali u l-metodu tal-kalkolu tan-nefqa eliġibbli ġew ikkomunikati lill-Italja fis-17 ta' Marzu 2006.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

[2] ĠU L 249, 1.10.2003, p. 48.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità lejn in-nefqa li hija assoċjata ma' l-eradikazzjoni tal-marda tal-bluetongue fl-Italja fl-2001 u fl-2002 skond id-Deċiżjoni 2003/677/KE hija ffissata għal EUR 7 358 839.

Minħabba li l-ewwel pagament ta' EUR 4 000 000 ġie mħallas diġà skond id-Deċiżjoni 2003/677/KE, il-bilanċ ta' EUR 3 358 839 għandu jitħallas lill-Italja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni